# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Tmienja u Tletin (38)**

**1 ta' Settembru 2021**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru, Xagħra Għawdex.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit – Sindku
Aaron Agius – Viċi Sindku
Stefan Bajada – Kunsillier
Victor John Curmi - Kunsillier
Anthony Attard – Kunsillier *(daħal għal-laqgħa fis-6.00pm)*

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

n/a

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

**38.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

38.1.1 Ma ġewx ippreżentati ittri ta' apoloġija mill-Kunsilliera għal din il-laqgħa.

**38.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa preċedenti**

38.2.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa numru 37 li saret nhar l-Erbgħa 4 ta' Awwissu 2021.

**38.3 Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

38.3.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li bħalissa jinsab għaddej ix-xogħol ta' rikostruzzjoni tat-tielet parti ta' Triq Marsalforn. Dan ix-xogħol qed ikun iffinazjat mill-Ministeru għal Għawdex filwaqt li x-xogħol tal-bdil tal-*main* tad-drenaġġ u s-servizzi tal-ilma f'din it-triq qed ikun iffinanzjat mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

Is-Sindku innota li kien hemm żvilupp qawwi f'dawn ix-xogħlijiet matul dawn l-aħħar ġimgħat wara li ġie rilokat grupp ta' ħaddiema tal-kuntrattur mill-Qala għax-Xagħra. Ser nibqgħu ninsistu mal-kuntrattur sabiex dawn ix-xogħlijiet ikunu konklużi malajr kemm jista' jkun.

38.3.2 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li fir-rigward tal-progett tal-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid għal-lokalita' tagħna, qed nistennew il-permessi meħtieġa min-naħa tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

Huwa qal li nhar it-Tlieta 10 ta' Awwissu 2021 ġiet sottomessa emenda għall-pjanta proposta għal dan il-proġett kif rikjesta mill-Awtorita' tal-Ippjanar.

Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li hu qed jittama li din l-applikazzjoni tagħna tiġi approvata f'seduta li ser tinżamm b'mod virtwali nhar il-Ġimgħa 3 ta' Settembru 2021 sabiex eventwalment, kif jinhareg il-permess, inkunu nistghu niffirmaw il-kuntratt tal-finanzjament ghal dan il-progett u nipprocedu bil-pubblikazzjoni tat-*tenders* relevanti.

Il-Kunsill qabel li, skont ma' qed jiġi rakkomandat mill-Perit tal-proġett, fil-bidu għandhom jinħarġu erba' offerti pubbliċi – waħda għal servizz ta' *project manager*, oħra għal servizz ta' *project supervisor*, oħra għal servizz ta' *technical consultant* u oħra għax-xogħol ta' twaqqiegħ tal-bini eżistenti u l-kostruzzjoni ta' Ċentru Ċiviku ġdid. Aktar 'il quddiem, tkun tista' tinħareġ l-offerta pubblika għall-*finishing* ta' dan il-proġett.

Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Victor Curmi, il-Kunsill qabel li għandna niċċekkjaw mad-Dipartiment tal-Kuntratti jekk nistgħux noħorġu *tender* wieħed għat-tliet servizzi ta' *project manager*, *project supervisor* u *technical consultant* sabiex possibilment jiġu evitati l-ispejjeż.

38.3.3 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li skont dak li ġie deċiż fil-laqgħa b'urġenza numru 32 tal-Ġimgħa 21 ta' Mejju, ingħata bidu għall-proċess ta' ingaġġ ta' impjieg ġdid mal-Kunsill fi skala 13 wara r-riżenja tas-Sinjura Manolita Manicaro minn Uffiċjal Eżekuttiv. Dan qed isir wara li ngħabet l-approvazzjoni neċessarja min-naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard innota li kien hemm persuna waħda li applikat biex timla' din il-vakanza wara li għalqet is-sejħa maħruġa minn *JobsPlus* għal dawk li qed jirreġistraw fuq *Part I*. Kif inhi l-proċedura f'dan ir-rigward, is-Sindku qal li jrid jinħatar bord li tiegħu s-Segretarju Eżekuttiv ikun membru *ex-ufficio* sabiex jagħmel l-intervisti.

Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill qabel unanimament li dan il-bord għandu jkun iffurmat mis-Sindku Dr. Christian, il-Vici Sindku Aaron Agius, il-

Kunsillier Stefan Bajada, il-Kunsillier Victor Curmi u s-Segretarju Ezekuttiv Ivan Attard.

38.3.4 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-kuntrattur Richard Cauchi infurmah li l-materjal kollu għax-xogħol ta' provvista u installazzjoni tal-fanali l-ġodda fil-*belvedere* tal-Qaċċa huwa ordnat u mistenni jasal Malta matul il-ġimgħa li ġejja.

Fir-rigward tal-livellar tal-*belvedere* tal-Qaċċa, il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mal-Perit Johann Camilleri sabiex jikkoordina mal-kuntrattur Richard Cauchi halli l-fanali dekorattivi l-ġodda jehlu fil-post mill-ewwel minghajr il-htiega li jkollhom jergghu jinqalghu fil-futur. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jissottometti applikazzjoni għal *full development permit* quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex ikun jista' jsir ix-xogħol ta' livellar tal-istess *belvedere*.

38.3.5 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-kuntrattur Peter Paul Said li rebaħ l-offerta pubblika għax-xogħol ta' *resurfacing* bis-siment tal-aħħar parti ta' Triq Għajn Wajtar ser ikun jista' jagħmel dan ix-xogħol wara l-15 ta' Settembru 2021. Il-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lill-Perit Edward Scerri sabiex jagħmel il-ko-ordinazzjoni meħtieġa waqt l-implimentazzjoni ta' dan il-proġett.

38.3.6 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li x-xogħol tat-taħmil ta' *reservoir* fi Pjazza l-Vitorja ser isir mill-kuntrattur Mario Muscat nhar it-Tnejn 13 u t-Tlieta 14 ta' Settembru 2021. Is-Sindku innota li ser issir laqgħa oħra dwar dan il-proġett mal-Perit tal-Kunsill u l-kuntrattur nhar it-Tnejn 6 ta' Settembru sabiex jiġu deċiżi l-aħħar dettalji marbuta ma' dan il-proġett.

38.3.7 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li s-Supretindent tal-Pulizija responsabbli mid-Distrett ta' Ghawdex, is-Sur Joseph Hearsey, faħħar is-sistema l-ġdida ta' *one ways* li ġiet implimentata riċentament mill-Kunsill. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li matul il-laqgħa tax-xahar ta' Ottubru għandu jiġi diskuss l-implimentazzjoni ta' fażi oħra mill-*masterplan* tal-lokalita' tagħna.

38.3.8 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li skont ir-Regolamenti Finanzjarji tal-Kunsilli Lokali, irridu nibagħtu risposta għall-Ittra ta' Direzzjoni mibgħuta mill-awdituri tal-Kunsill fi tmiem il-proċess tal-awditjar. Il-Kunsill qabel li għandna nibagħtu din ir-risposta skont kif jiggwidana l-*accountant* tal-Kunsill.

38.3.9 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li wasal iż-żmien li nibdew nippreparaw għall-Kunċert annwali tal-Milied li ser isir fil-Knisja Kolleġġjata u Bażilika ta' Marija Bambina. Is-Sindku innota li rċivejna korrispondenza mingħand is-Surmast Mro. Dr. John Galea, Direttur Mużikali tal-*Chorus Urbanus*, li fiha ikkonferma l-interess tal-Kor tiegħu li jipparteċipa f'dan il-Kunċert skont kif kien maqbul is-sena li għaddiet.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li dan il-Kunċert għandu jsir nhar it-Tnejn 27 ta' Diċembru 2021 fis-7.00pm fil-Bażilika ta' Marija Bambina u ser nitolbu l-approvazzjoni tar-Reverendu Kapitlu tal-Kolleġġjata u l-permess min-naħa tas-Supretindenza tas-Saħħa Pubblika minħabba l-pandemija tal-Covid-19.

Il-Kunsillier Anthony Attard dahal ghal-laqgha fis-6.00pm.

38.3.10 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li llum saret laqgha urgenti tar-Regjun Ghawdex rigward il-kwistjoni tal-gheluq tat-triq fejn hemm l-iskola primarja. Din il-laqgħa segwiet laqgħa oħra li saret ilbieraħ mal-Ministru tal-Edukazzjoni, l-Onor. Dr. Justyne Caruana, rigward din il-materja importanti. Sal-lum il-gurnata, ir-responsabbilita' tal-għeluq tat-triq tal-iskola waqt id-dħul u l-ħruġ tat-tfal taqa' legalment f'idejn il-Kunsilli Lokali pero' s-Supretindent tal-Pulizija kien qieghed kordjalment jibghat Pulizija sabiex jaghlaq l-imsemmija triq minħabba li l-Kunsill m'għandux riżorsi umani sabiex jagħmlu dan ix-xogħol.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li ghandna nuru d-diżapprovazzjoni tagħna li jkun hemm *school assistants* li jaghmlu dan ix-xoghol pero' ghandu jkun hemm ufficjali assenjati mill-Ministeru tal-Edukazzjoni ghal dan l-iskop specifiku.

Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Victor Curmi, il-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lill-Ministeru tal-Edukazzjoni sabiex possibilment jinfetah bieb in-naha ta' wara tal-iskola, liema bieb jizbokka ghall-isqaq ta' fejn il-Mithna sabiex jigi evitat il-periklu ta' traffiku fi Triq it-Tiġrija.

38.3.11 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li nhar is-Sibt 4 ta' Settembru ser jinzamm Festival tan-Nar organizzat mill-ufficcju tal-MTA f'Malta.

Il-Kunsill qabel li ghandna nitkellmu mas-Sur Lionel Gerada li huwa l-organizzatur ta' din l-attivita' f'isem il-Ministeru tat-Turiżmu u neżiġu li nkunu kkonsultati fl-organizazzjoni ta' din l-attivita' b'mod partikolari fil-kwistjoni tal-indafa pubblika u l-fatt li mhux ser tinghalaq Triq il-Qaċċa waqt li jkun qed isir dan il-festival. Il-Kunsill wera d-diżapprovazzjoni tiegħu għall-fatt li ma ġejniex ikkonsultati fit-tħejjijiet għal din l-attivita'.

38.3.12 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li d-Direttorat tat-Turizmu fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex ser ikun qieghed gentilment jiffinanzja mappa gdida ta' merhba fil-lokalita' taghna, liema mappa tammonta ghas-somma ta' madwar € 8,000. Il-Kunsill qabel li ghandna nirringrazzjaw lill-Ministeru ghal Ghawdex ghal din l-ghotja prestiggjuża.

**38.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

38.4.1 Il-Viċi Sindku Aaron Agius staqsa dwar il-htiega li tinhasel Pjazza l-Vitorja u l-*playing field* ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru wara l-jiem tal-festa ta' Marija Bambina. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lid-Direttorat ta' Eko-Għawdex sabiex jagħmlu dan ix-xogħol.

38.4.2 Il-Vici Sindku Aaron Agius propona u l-Kunsill qabel li ghandna nitkellmu mas-Sur Pietru Said rigward il-possibilita' li jiehu hsieb it-tizjin ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru u Pjazza l-Vitorja ghal zmien il-festi tal-Milied.

38.4.3 Il-Kunsillier Stefan Bajada staqsa dwar il-possibilita' li titranga parti minn Triq Tal-Ghezien minhabba li tinsab fi stat hazin. Il-Kunsill qabel li

għandna nibagħtu lill-Perit Edward Scerri sabiex jagħmel *on-site visit* u jipprepara stima tax-xogħlijiet involuti.

38.4.4 Il-Kunsillier Anthony Attard staqsa dwar il-possibilita' li l-i*stickers* tal-bins tal-Pjazza jsiru fuq iz-zewg nahat. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

38.4.5 Il-Kunsillier Anthony Attard propona li jsiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar fil-kantuniera bejn Triq Marsalforn u Triq Ghajn Qamar (ftit 'l isfel minn Studio 79). Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha titressaq għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

38.4.6 Il-Kunsillier Anthony Attard staqsa dwar il-possibilita' li jitranġa ħajt tas-sejjieħ imwaqqa' fi Triq Kalipso quddiem id-dar numru 1. Il-Kunsill qabel li għandna nagħmlu talba lill-Ministeru għal Għawdex.

38.4.7 Il-Kunsillier Anthony Attard staqsa dwar xi żvilupp kien hemm fuq il-kwistjoni tal-ġbir tal-kartun mid-djar kull nhar ta' Tlieta. Is-Sindku Dr. Christian Zammit wieġeb li, wara ħafna battibekki bejn il-Kunsill, il-kuntrattur u l-kumpanija *Greenpak*, din il-kwistjoni ġiet riżolta.

## 38.5 Qari tal-Korrispondenza

38.5.1 Komunikat mingħand Transport Malta dwar awtorizazzjoni lill-Kunsilli Lokali għal implimentazzjoni ta' sinjali ta' parkeġġi fil-lokalitajiet. Il-Kunsill innota l-kontenut.

38.5.2 Ċirkulari numru 075/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'European week of sport'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

38.5.3 E-mail mingħand Laurie Zammit, Direttur tal-Kumpanija *KIP Gozo*, li fiha qed jitlob lill-Kunsilli Lokali ta' Għawdex sabiex jitolbu lill-iskemi awtorizzati għall-ġbir tal-iskart riċiklabbli sabiex iżidu ġurnata oħra fil-ġimgħa għall-ġbir tal-borża l-griża/ħadra.

Is-Segretarju Ezekuttiv innota li matul is-sena li ġejja ser tizdied gurnata ohra ghall-gbir tal-kartun fuq bazi nazzjonali u ghaldaqstant din il-problema ser tigi rizolta.

38.5.4 Ċirkulari numru 076/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Illum ma' Steph 2021 to 2022'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

38.5.5 Ċirkulari numru 077/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Bajjiet li fihom jista' wieħed jieħu annimali domestiċi (klieb) jgħumu'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

38.5.6 E-mail mingħand Daniel Galea, residenti fi Triq Ta' Bullara, li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jikkunsidra li l-*one way* li saret riċentament fl-ewwel parti ta' Triq Ta' Bullara tiġi emendata għal *one way except to residents only*. Il-Kunsill ma aċċettax din it-talba minħabba raġunijiet ta' sigurta' pubblika.

38.5.7 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'informazzjoni dwar is-seba' konferenza internazzjonali bit-tema 'Security, Democracy & Cities' li ser issir f'Nizza, Franza, bejn l-20 u t-22 ta' Ottubru 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

38.5.8 E-mail mis-Sur John Xuereb, Direttur tad-Direttorat tal-Patrimonju Kulturali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, li fiha qed jinforma lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra li d-Direttorat ser jiddiskuti r-restawr tat-*telephone box* fi Pjazza l-Vitorja mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali u mbagħad jiskatta l-proċess tar-restawr. Il-Kunsill innota l-kontenut.

38.5.9 Ċirkulari numru 078/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Malta Sutainable Development Action Days: Be Part of the Change'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

38.5.10 E-mail mingħand Jeffrey Ellul, uffiċjal fl-Uffiċċju Elettorali ta' Malta, li fiha qed jinforma lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra li l-aħħar eżerċizzju ta' numerar tad-djar f'Għawdex sar fl-1970 u ser ikunu qed jiddiskutu din il-materja mal-persuni kkonċernati sabiex, dejjem jekk ikun possibbli, jerġa'

jibda l-proċess ta' numerar fil-gżira Għawdxija. Il-Kunsill innota l-kontenut.

38.5.11 E-mail mingħand Josmar Azzopardi, *group scout leader* tax-*Xagħra Scouts Group*, li fiha qed jistieden lill-Kunsilliera sabiex jipparteċipaw f'sessjoni ta' *clean up* fiż-żona madwar l-Għar ta' Calypso li ser issir nhar is-Sibt 18 ta' Settembru 2021.

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Aaron Agius, il-Kunsill qabel li għandna nipprovdu l-ingwanti, *snack* żgħir u flixkun ilma lill-membri kollha li ser jieħdu sehem f'din is-sessjoni ta' tindif. Il-Kunsill irringrazzja lill-membri kollha ta' dan il-ġest.

38.5.12 E-mail mingħand il-kumpanija privata EWROPA li fiha qed tinforma lill-Kunsilli Lokali dwar il-programm BELLUS Fund li qed ikun imniedi mill-Awtorita' Maltija għar-Riżorsi (ERA). Il-Kunsill innota l-kontenut.

38.5.13 E-mail mingħand Noel Mifsud, uffiċjal tal-ERA, rigward servizz li qed jingħata minn uffiċjali pajżana li jgħinu fiż-żamma tal-indafa fil-lokalitajiet u fl-infurzar relatat mal-indafa. Il-Kunsill qabel li għandna nagħmlu laqgħa mas-Sur Mifsud rigward dan is-servizz.

38.5.14 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'informazzjoni dwar *capacity building sessions* li ser isiru mill-aġenzija Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) nhar l-Erbgħa 1 u l-Ħamis 2 ta' Settembru rigward il-mod kif tinkiteb applikazzjoni għall-fondi tal-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill innota l-kontenut.

38.5.15 Ċirkulari numru 079/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Tindif ta' culverts tal-ilma tax-xita'. Il-Kunsill innota l-kontenut u irringrazzja lill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex li wettqu x-xogħol ta' tindif ta' diversi *culverts* fil-lokalita' tagħna.

38.5.16 Ċirkulari numru 080/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Planning and Leading a Team – Mentor Aid Session 15/09/2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

38.5.17 E-mail mingħand George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, b'informazzjoni dwar ingaġġ ta' uffiċjali reġjonali mar-Reġjuni ta' Malta u Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

38.5.18 Ittra mingħand Rose Mary Bajada, Segretarja tal-Għaqda tan-Nar Xagħra, li fiha qed titlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra fl-organizazzjoni ta' attivita' li tinkludi ħruq ta' nar fit-8 ta' Settembru 2021.

Il-Kunsill qabel li għandu jikkollabora fl-organizazzjoni ta' din l-attivita' bi spiża li ma teċċedix is-somma ta' € 1000. Il-Kunsill qabel ukoll li jgħin fl-ispiża relatata mal-att ta' vandaliżmu tad-*distribution box* li kien hemm ħdejn l-għelieqi tan-nar tal-festa b'turija ta' appoġġ lil din l-Għaqda Mhux Governattiva fil-lokalita' tagħna.

38.5.19 Ċirkulari numru 081/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Team Building Event 03/09/2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

38.5.20 E-mail mingħand Christopher Bonnici, rappreżentant tal-Fondazzjoni OASI, li fiha qed jitlob in-*no objection* tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex issir l-*OASI Cup Run and Walk* nhar il-Ħadd 3 ta' Ottubru 2021.

Il-Kunsill qabel li għandu jagħti din in-*no objection* bil-kundizzjoni li l-applikant jakkwista l-permessi kollha neċessarji mill-awtoritajiet kompetenti.

38.5.21 E-mail mingħand Antonio Gomes, President tal-Assoċjazzjoni CHECK-IN, li fiha qed jistieden erba' rappreżentanti mill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jipparteċipaw f'*event* tal-Proġett FUTHURE li ser isir bejn it-22 u l-24 ta' Settembru f'Lisbona, il-Portugall. F'każ li ħadd mill-Kunsill ma jista' jattendi fiżikament, ser isiru l-arranġamenti biex il-parteċipazzjoni tkun b'mod virtwali.

Il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa fiżikament f'dan l-*event* b'delegazzjoni magħmula mill-Kunsilliera Stefan Bajada, Victor Curmi, Anthony Attard u żagħżugħ/a mil-lokalita' tagħna in viżta li dan huwa *event* immirat għaż-żgħażagħ.

38.5.22 E-mail mingħand is-Surmast Mro. Dr. John Galea, Direttur mużikali tal-*Chorus Urbanus*, li fiha qed jikkonferma l-interess tal-istess Kor li jipparteċipa fil-Kunċert annwali tal-Milied organizzat mill-Kunsill Lokali tax-Xagħra li ser isir fil-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina f'Diċembru 2021. Din il-materja diġa' ġiet diskussa aktar kmieni matul din il-laqgħa.

38.5.23 E-mail mingħand is-Sur Mark Xerri sabiex il-Kunsill Lokali tax-Xagħra jikkunsidra li jerġa' jorganizza l-kors ta' *basic first aid course* b'rispett sħiħ lejn ir-regolamenti tas-Saħħa Pubblika għall-prevenzjoni tal-imxija tal-Covid-19.

Il-Kunsill qabel li dan il-kors għandu jiġi organizzat matul ix-xahar ta' Ottubru 2021 fis-Sala taċ-Ċirklu taż-Żgħażagħ jew fis-Sala tal-Każin tal-Banda b'rispett sħiħ lejn id-direttivi tal-Awtoritajiet tas-Saħħa Pubblika.

38.5.24 E-mail mingħand is-Sur Mark Formosa, teżorier tax-*Xagħra United Football Club*, li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra fil-provvista ta' żewġ *floodlights* għall-*playing field* ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru. L-ispiża tagħhom tammonta għas-somma ta' € 450.

Il-Kunsill aċċetta din it-talba bil-kundizzjoni li dawn il-*floodlights* jinxtegħlu biss waqt l-attivitajiet li jiġu organizzati minn żmien għal żmien fl-istess *playing field*.

38.5.25 Ċirkulari numru 083/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'President's Solidarity Fun Run 2021 – 14th November 2021'. Il-Kunsilli Lokali ta' Malta u Għawdex qed jintalbu sabiex jidentifikaw rotta fil-lokalita' ta' madwar għoxrin minuta li tkun tista' tiġi inkluża f'din it-tellieqa.

Il-Kunsill qabel li din il-proposta għandha tinġieb għall-attenzjoni tal-Kumitat Organizzativ tal-Maratona Annwali ta' Għawdex.

38.5.26 E-mail mingħand Robert Tabone, Kandidat għall-elezzjoni ta' President Kunsill Reġjonali għal Għawdex, li fiha qed jitlob laqgħa mal-Kunsill Lokali tax-Xagħra bi tħejjija għall-elezzjoni għall-President tar-Reġjun Għawdex li ser issir nhar is-Sibt 9 ta' Ottubru 2021.

Il-Kunsill qabel li din il-laqgħa għandha ssir lejn l-aħħar tax-xahar ta' Settembru 2021.

38.5.27 E-mail mingħand Josette Pace għan-nom ta' xi residenti li fiha qed jitolbu lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jiffinanzja l-appell li l-Għaqda Mhux Governattiva 'Din l-Art Ħelwa' issottomettiet rigward il-permess ta' żvilupp b'riferenza numru PA 1882/20 li ġie approvat mill-Awtorita' tal-Ippjanar fis-6 ta' Awwissu 2021. Dan jikkonsisti fil-bini ta' sittax-il *unit* (erba' djar bil-*pools*, żewġ *maisonettes* u sitt *flats*) fi Triq l-Għejun.

Il-Kunsill innota li tali talba ma tistax tiġi aċċettata minħabba li l-Kunsill jista' jkun biss *formal objector*.

38.5.28 E-mail mingħand il-Perit Godwin Sultana rigward xogħol ta' pavimentar ġdid mar-residenza numru 1, Triq Qasam ta' Dun Anton.

Il-Kunsill innota l-pre-okkupazzjoni tiegħu għal din il-proposta minħabba l-fatt li ser tidjieq it-triq u anke minħabba li ser ikun hemm problema ta' aċċessibilita' għall-persuni anzjani, persuni b'diżabilita' li jużaw is-siġġu tar-roti u l-*pushchairs* tat-trabi / tfal. In viżta ta' dan, il-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lill-Perit Edward Scerri u lil Transport Malta b'dan.

38.5.29 E-mail mingħand is-Surmast Mro. Colin Attard, Direttur Artistiku tal-Festival *Gaulitana*, li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra fl-organizazzjoni ta' Kunċert mużikali bħala parti mill-konklużjoni ta' edizzjoni oħra ta' 'Gaulitana: A Festival of Music 2021'. Dan il-Kunċert ser isir fil-Knisja Kolleġġjata u Bażilika ta' Marija Bambina.

Il-Kunsill qabel li għandu jikkollabora fl-organizazzjoni ta' din l-attivita' bi spiża li ma teċċedix is-somma ta' € 500.

38.5.30 E-mail mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali b'informazzjoni dwar l-attivitajiet organizzati mill-istess Assoċjazzjoni sal-aħħar tas-sena 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

**38.6 Ilmenti mir-residenti**

38.6.1 Talba mingħand Josef Aquilina ta' Triq Marija Bambina sabiex il-*bus stop* li preżentament tinsab quddiem ir-residenza tiegħu tiġi rilokata għall-post li kienet fih oriġinarjament jiġifieri fil-bidu tal-istess triq. Il-Kunsill qiegħed isostni l-pożizzjoni tiegħu meħuda fil-laqgħa ta' nhar l-Erbgħa 4 ta' Awwissu 2021 għax jemmen li dik il-pożizzjoni toffri soluzzjoni ġusta għall-partijiet kollha konċernati.

38.6.2 Talba mingħand Salvu Bartolo ta' 60, Triq Ta' Ġorf, sabiex titranġa rampa li tagħti għall-għelieqi fi Triq Għajn Ħosna (ħdejn l-ewwel ġibjun tar-Ramla). Il-Kunsill qabel li għandna niċċekkjaw jekk din ir-rampa hix parti mill-proġett tal-Wied tar-Ramla li qed isir mill-Ministeru għal Għawdex b'finanzjament minn fondi tal-Unjoni Ewropea.

38.6.3 Talba mingħand Lorry Refalo ta' 'Marija', Triq Sant'Anton, sabiex jitranġa passaġġ fi Triq il-Marġa. Ir-resident qed jitlob li jingħata l-materjal u x-xogħol ser jagħmlu hu. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lis-Sur Refalo sabiex jipprovdi dikjarazzjoni bil-miktub mingħand id-Dipartiment tal-Artijiet sabiex jivverfika li l-passaġġ imsemmi huwa pubbliku.

38.6.4 Talba mingħand Ursola Azzopardi ta' 'Springvale', Triq Ġnien Xibla, sabiex jitneħħew il-bins li saru riċentament fil-bidu ta' Triq Għajn Ħosna għax mhumiex jitnaddfu regolari mill-ħaddiema ta' Eko-Għawdex u qed jitfgħu ħafna skart madwarhom. Il-Kunsill qabel li għandna nerġgħu niġbdu l-attenzjoni tad-Direttur ta' Eko-Għawdex, is-Sur Joseph Cutajar, rigward l-ilmenti kontinwi li qed ikollna dwar dawn il-*bins* qabel ma tittieħed deċiżjoni dwarhom.

38.6.5 Talba mingħand Victor Cremona ta' 'Ave Maria', Triq John Otto Bayer, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naħa tal-garaxx tar-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

38.6.6 Talba mingħand Charles Sultana ta' 'Theatre of Dreams', Triq Ta' Brieret, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem ir-residenza tiegħu.

Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

38.6.7 Talba mingħand xi residenti fi Triq Sant'Anton sabiex titneħħa kaxxa tal-parkeġġ li tinsab biswit ir-rampa għall-persuni b'diżabilita' li tagħti aċċess għall-*belvedere* ta' San Marzjal. Il-Kunsill ma aċċettax din it-talba minħabba li ser jinħoloq nuqqas akbar ta' parkeġġ f'din iż-żona pero' qabel li għandna nkellmu lill-Perit Edward Scerri sabiex jara fejn tista' tiġi rilokata din ir-rampa.

38.6.8 Talba mingħand George Sultana ta' N.B., Triq Marsalforn, sabiex issir bozza ġdida quddiem ir-residenza tiegħu fl-istess triq. Hemmhekk diġa' hemm arblu tad-dawl. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta.

38.6.9 Talba mingħand Mikelina Portelli ta' Triq Ta' Bullara sabiex isir madwar metru sinjal li jipprojbixxi l-ipparkjar quddiem l-entratura prinċipali tar-residenza tagħha. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

38.6.10 Talba mingħand Maria Antonia Mifsud ta' 57, Triq l-Għar ta' Ninu, sabiex issir rampa tal-injam quddiem ir-residenza tagħha sabiex tkun tista' ttella' l-*iscooter* li qed tuża minħabba problemi ta' mobilita'. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir.

38.6.11 Talba mingħand George Sultana ta' N.B., Triq Marsalforn, sabiex jitnaddaf quddiem ir-residenza tiegħu minħabba x-xogħolijiet li qed isiru fil-preżent. Il-Kunsill qabel li għandna nitkellmu mal-kuntrattur Victor Hili sabiex ikun jista' jagħmel dan ix-xogħol.

**38.7 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

38.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsilliera preżenti.

38.7.2 L-iskeda ta' pagamenti kif preżentata ġiet approvata unanimament.

**38.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

38.8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.20pm u ġiet aġġornata b'mod unanimu għal nhar l-Erbgħa 6 ta' Ottubru 2021 fil-5.30pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Dr. Christian Zammit** | **Ivan Attard** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |